# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru 6**

**Avviz numru 764/01mm**

**Alfred u Carmena konjugi Chircop**

**Vs**

**Keith Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Awissu, 2001, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni li huma garrbu in segwitu ghal incident stradali li gara l-Belt fit-23 ta' April, 2001, bejn van numru EAF 585 misjuq mill-konvenut u karrozzin 57 misjuq mill-attur.  Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi Lm23 ta' ittri u konsulti, dawk tal-ittra ufficjali tas-16.07.01 u dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Awissu, 2001, lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Id-danni ma jizbqux il-Lm5000.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tieghu, izda gara unikament tort ta' l-attur, Alfred Chircop, li waqt li kien qed isuq il-karrozzin numru CAB 57 minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-Regolamenti habat mall-vettura numru EAF 585 li dak il-hin kienet qed tinstaq mill-eccipjenti u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi, stante li dan l-incident gara unikament tort tal-attur, Alfred Chircop, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni kif pretizi huma ghal kollox esagerati, u ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwrda ncident tat-traffiku illi gara go Triq Marsamxett, hdejn il-pjazzetta tal-bandli fit-23 ta' April, 2001, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAF 585 misjuqa mill-konvenut u il-karrozzin numru 57 misjuq mill-attur.

Irrizulta illi man-naha tas-sur kienu qed isiru xi xogholijiet u ghalhekk kien hemm *crash barriers* u sinjali biex jindikaw illi dik in-naha hija maghluqa u il-vetturi kellhom juzaw karreggjata wahda, dik ta' magenb l-appartamenti.

L-attur xehed illi huwa kien qieghed isuq il-karrozzin, gej min-naha tal-Barriera fid-direzzjoni tal-Furjana.  Meta gie fil-fetha f'tarf ta' Triq Santa Lucia, ra illi fuq in-naha tal-lemin tieghu kien hemm il-*barriers*.  It-triq tieghu fuq ix-xellug, pero' kienet libera ghad illi kien hemm karrozzi pparkjati fuq dik in-naha.  Ghalhekk huwa baqa' jsuq iz-ziemel tieghu fl-istess direzzjoni kif kien qabel.

Hin minnhom jigi l-van mid-direzzjoni oppost illi kiser lejn il-lemin minhabba l-*crash barriers* illi kien hemm fin-naha tieghu, u meta ghamel hekk hakk mall-karrozzin u ghamillu hafna hsarat.

L-attur ghamel it-tiswijiet ghand certa Alfred Saliba ta' Birkirkara skond ir-rapport tas-*surveyor*, liema rapport li huwa esebit f'dawn l-atti, jkopri l-ammont ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1300) u zmien ghat-tiswija ta' ghoxrin (20) gurnata.  Fil-fatt l-attur jikkontendi illi ha l-karrozzin lura wara hmistax-il (15) gurnata.

Mitlub jispjega kemm tilef qliegh f'dawn il-granet li l-karrozzin kien qieghed jissewwa, l-attur wiegeb illi jsuq il-karrozzin *part time* u meta jfettillu u talab lill-Qorti li tiffissa rata 'arbitrio buono viri'.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda l-verzjoni tal-konvenut, dan qal illi huwa kien qieghed isuq il-van tieghu min-naha tal-Furjana lejn il-Baviera.  Meta gie faccata tal-pjazzetta fejn hemm il-*playing fields*, fuq Triq Marsamxett, ra li l-triq quddiemu kienet ostakolata b'dawn il-*crash barriers*.  Ghalhekk huwa gibed lejn il-lemin halli jmur lejn il-karreggjata l-ohra u jevita dawn il-*barriers*.  Kien proprju dak il-hin fl-aktar parti dejqa tat-triq x'hin gibed lejn il-lemin li nduna bil-karrozzin ta' l-attur, gibed kemm seta' lejn ix-xellug biex jipprova jevita l-impatt, pero' peress illi ma kellux fejn jiccaqlaq minhabba l-*crash barriers* spicca biex ha l-karrozzin bil-parti ta' wara tal-van.

Filwaqt illi kien hemm pulizija illi kien qieghed jidderigi t-traffiku, dana kien ferm aktar lura fid-direzzjoni tal-Baviera u ghalhekk mhux vicin l-incident.

Il-konvenut isostni illi huwa ma ndunax bil-prezenza tal-karrozzin u rah biss ftit attimi qabel l-impatt, fejn allura seta' jevita biss l-impatt frontali billi dawwar il-vettura tieghu harira lejn ix-xellug.

Ikkunisdrat:

Illi ghal dak illi jirrigwarda r-responsabbilta' ta' dan l-incident, il-Qorti jidhrilha illi din ghandha taqa' nettament fuq il-konvenut peress illi

ma jidhirx illi zamm *'a proper lookout'*, meta kien biss ftit attimi qabel l-impatt illi nduna bil-prezenza tal-karrozzin.  Kif din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet tirrimarka, m'hijiex skuza illi sewwieq jghid illi ma ndunax bil-prezenza ta' vettura ohra fit-triq.

F'dan il-kaz, il-karrozzin kellu jkun ben vizibbli ghall-konvenut, aktar u aktar meta tqies l-gholi u l-guffagni ta' l-ewwel.

Fil-pozizzjoni fejn kien il-konvenut it-triq hija dritta, fejn allura l-vizwali hija fit-tul.  Bhalma l-konvenut induna bil-*crash barriers* quddiemu, ma kellu l-ebda raguni ghal xhiex ma jindunax ukoll bil-prezenza tal-karrozzin.  Wara kollox il-karrozzin kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu u ma kienx hemm ostakoli quddiemu.  Mentri quddiem il-konvenut kien hemm l-ostakoli tal-*crash barriers* sabiex javzaw lis-sewwieq biex xogholijiet illi kienu qed isiru aktar 'l fuq.

Il-konvenut missu qaghad attent mhux biss ghal dawn il-*crash barriers*, izda ghall-utenti l-ohra tat-triq u mhijiex skuza billi jghid illi ma ndunax bil-prezenza tal-karrozzin.  Veru illi huwa ha mizura evaziva korretta ghal dak il-hin, izda ma kinitx bizzejjed peress illi kien vicin wisq il-karrozzin biex seta' jevitah ghall-kollox.  Kien l-istess konvenut li pogga l-vettura tieghu f'sitwazzjoni skabruza meta baqa' ghaddej, invada karreggjata tal-lemin u ghalhekk gie quddiem l-attur illi dak il-hin ma kellux ikollu ostakoli quddiemu.  Veru illi f'dik is-sitwazzjoni l-konvenut jista' jargumenta illi l-parti karreggjabbli tat-triq giet ridotta hafna, biex b'hekk kien hemm karreggjata wahda u hadd mill-partijiet ma kellu precedenzi.

Il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-argument hu korrett.  Il-konvenut imissu nduna bil-prezenza tal-karrozzin u missu tah precedenza bhala vettura anqas manuvrabbli mill-van illi kien qieghed isuq. Huwa bensaput illi f'sitwazzjoni bhal din meta karrozzin jiltaqa' ma karrozza hija l-karrozza illi ghandha ccedi ghall-pass ta' karrozzin u mhux vice versa u dan ghaliex fil-prattika l-manuvrar tal-karrozzin biz-ziemel mieghu huwa aktar difficcli mill-manuvrar ta' karrozza u ghalhekk hija din ta' l-ahhar illi ghandha dejjem iccedi ghall-pass tal-karrozzin.  Naturalment meta z-zewg vetturi jkunu ghaddejjin magenb xulxin fil-karreggjati rispettivi, din ir-regola ma tapplikax. Pero' meta tinzerta sitwazzjoni ta' mpass bhalma gara f'dan il-kaz, allura huwa l-karrozzin ghandu jkollu precedenza.  Dana l-konvenut ma gharfux, mhux talli hekk talli anqas induna fil-prezenza tal-karrozzin.  Dan jindika quindi nuqqas ta' *'proper lookout'* illi ghalih ghandu jwiegeb l-istess konvenut.

Ghal dawk illi huma d-danni, l-attur ipprezenta r-rapport tas-*survey* u il-VAT receipt minfejn irrizulta illi huwa nefaq l-ammont ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1300) ghat-tiswija tal-karrozzin.

Ghal dak illi huwa *loss of use*, l-attur pero', ma kienx car u talab lil din il-Qorti taghmel kalkolu 'arbitrio buono viri'.  Filwaqt li din il-Qorti tistqarr injoranza ( u wisq tissuspetta l-erarju wkoll! ) dwar l-introjtu ta' kuccier, skond l-attur huwa jsuq dan il-karrozzin b'mod irregolari u *part time*, il-Qorti ser takkorda l-ammont ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) bhal *loss of use* ghal dan it-terminu ta' hmistax-il (15) gurnata.

Ghalhekk id-danni totali illi sofra l-attur f'din il-vigenda huwa ta' elf, tliet mija u sittin lira Maltin (Lm1360.00)

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fit-23 ta' April, 2001, go Triq Marsamxett, il-Belt, bejn il-van bin-numru tar-registrazzjoni EAF 585 misjuq mill-konvenut u l-karrozzin numru 57 misjuq mill-attur u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf tliet mija u sittin lira Maltin (Lmn1360) u konsegwentement lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur